MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2014

Citazzjoni Numru. 119/1996/1

**G.A. International Trading Co. Limited**

**Vs**

**Medlink Co Limited u Boris Vladimirovich Onoprienko u Natalia Onoprienko, mizzewgin flimkien u Valdimir Yevgenievich Plotnikov u Svetlana Plotnikova, mizzewgin flimkien**

Permezz ta’ citazzjoni prezentata fit-12 ta’ Jannar 1996, l-attrici ppremettiet li:-

Kienet avvanzat lill-konvenuti flus ghal skop ta’ trading, akkwisti u bejgh ta’ oggetti u merkanzija, fil-kors ta’ liema attivita’ kummercjali avanzat a beneficcju tal-konvenuti s-

somma ta’ Lm106,576, u dan barra rizerva ta’ spejjez u hrug iehor. Il-partijiet qatt ma qasmu l-qliegh kif kien miftiehem.

Meta l-konvenuti rcevew il-flus mill-operazzjonijiet kummercjali, minflok irrifondew il-flus avanzati, utilizzawhom ghal skopijiet taghhom. Ghalhekk l-atturi huma kredituri ghall-flus minnhom avanzati u telf ta’ qliegh.

Il-konvenuti agixxew frawdolentement ghaliex mill-flus li rcevew bhala rizultat tan-negozju in kwistjoni, ma hallus xejn lill-attrici u qeghdin jirrifjutaw li jonoraw l-obbligi.

Ghalhekk l-attrici talbet li:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuti jew min minnhom huma obbligati jhallsu lill-attrici l-ammont li gie avanzat.
2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuti jew min minnhom obbligati jhallsu lill-attrici l-qliegh minnhom maghmul u li kienet intitolata ghalih l-attrici.
3. Tillikwida l-ammont avanzat li ghandu jigi mhallas lura mill-konvenuti jew min minnhom.
4. Tillikwida l-ammont avanzat li ghandu jigi mhallas lura mill-konvenuti jew min minnhom maghmul.
5. Tikkundanna lill-konvenuti solidalment sabiex ihallsu tali ammonti hekk likwidati u mitluba.

Il-konvenuti wiegbu[1]:-

1. L-attur ghandu jesebixxi d-dokumenti kollha li huwa jallega li jiggustifikaw il-pretensjoni taghhom ghall-hlas ta’ avvanzi maghmulin a beneficcju tal-konvenuta.
2. Il-konvenuti m’ghandhom l-ebda relazzjoni guridika mal-attrici.
3. Il-konvenuti qatt ma agixxew frawdolentement.

---

[1] Il-kumpannija konvenuta pprezenta nota tal-eccezzjonijiet (fol. 14) u l-konvenuti l-ohra pprezentaw nota ta’ l-eccezzjonijiet ohra (fol. 10) li hi identika.

Il-qorti rat l-atti li jinkludu r-rapport tal-perit gudizzjarji[2] u noti ta' sottomissjonijiet. Jirrizulta li wara li nstemghu l-provi quddiem il-qorti, fid-9 ta' Lulju 2004 il-qorti awtorizzat lill-periti gudizzjarji sabiex jiehdu l-process u jirrelataw. Fit-23 ta' Settembru 2011 ipprezentaw ir-rapport (fol. 515).

L-attrici ssostni li kien hemm ftehim ta' shubija ta' negozju bejnha (**GA Trading**) u l-kumpannija konvenuta (**Medlink**) u l-qliegh kellu jinqasam nofs bin-nofs. In-negozju kien ta' xiri ta' ikel u xorb minn Malta sabiex Medlink tbieghu fir-Russja. Il-konvenuti jinnegaw li qatt kien hemm xi ftehim simili.

**<u>Pretenzjoni ghal €248,255</u>**.

Fic-citazzjoni din giet deskritta bhala *'avvanz'* ta' somma flus. Kelma li taghti lill-qorti x'tifhem li l-attrici qeghda tallega li tat flus lill-konvenuti.

Chris Grech, direttur tal-kumpannija attrici, xehed fil-11 ta' April 1997 (fol. 99). Il-qorti fehemet li l-attrici ma tatx flus lill-Medlink, izda sempliciment li dhul u qliegh generat mill-bejgh tal-merkanzija li kien depozitat fil-kont ta' Medlink, kien inghata li Boris Onoprienko u Valdimir Plotnikov ghaliex Grech u Vella kienu fehemu li dawk kienu flus personali taghhom u mhux flus min-negozju ta' bejgh u xiri ta' merkanzija minn Medlink. Skond Grech kien biss wara li saru jafu li dawk kienu flus gejjien min-negozju li dwaru l-kumpannija kellhom ftehim. Grech xehed:-

*"L-ewwelnett jiena kont firmatarju tal-Medlink u apparti minhekk kont personal guarantor ukoll mal-bank u kemm ma' l-affarijiet li kienu qed jixtru l-Medlink. U saru avvanz dawn ghax dawn il-flus inhargu mill-Medlink,* ***saru avvanz wara li sirna nafu li ma kienux flus taghhom personali, pero' kienu flusna wkoll****. Jigifieri dawn flus minflok hadnihom ahna tajnihom lilhom. U kont iffirmajt jien biex intihomlhom, jien stess. Pero' meta ffirmajt jien biex intihomlhom dawn il-flus ma kontx naf li kienu flusna;*

[2] Fis-seduta tal-20 ta' Novembru 1997 il-qorti hatret perit komputista sabiex: *"jaghmel audit relattiv ghall-movimenti tal-flus u l-origini u destinazzjoni eventwali."* (fol. 189).

*dejjem konna qed nimxu fuq l-informazzjoni taghhom li kienu flushom.”* (enfazi tal-qorti - fol. 100).

Fin-nota ta’ sottomissjonijiet l-attrici lmentat li:-

*“[…] minghajr ebda raguni – l-periti gudizzjarji ma dahlux fih. Wiehed hu mistieden jara r-rapport peritali sabiex jara l-mankanza totali dwar dan l-aspett tal-vertenza li hu kontenut fl-ewwel u r-raba talbiet attrici.”*.

Il-qorti tosserva:-

i. ma jirrizultax li l-perit gudizzjarji nghataw l-inkarigu sabiex jirrelataw dwar din is-somma.
ii. mill-provi ma jirrizultax li l-attrici tat lil xi hadd mill-konvenuti s-somma ta’ €248,255.29.
iii. mid-deposizzjoni ta’ Grech hu evidenti li s-somma ta’ €248,255.29 m’ghandha x’taqsam xejn ma’ garanzija li Grech personalment ta ghall-facilita ta’ overdraft li Medlink inghatat mill-Bank of Valletta International Limited. Dan qieghed jinghad b’riferenza ghall-paragrafu 10 tan-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attrici fejn b’riferenza ghal din il-pretensjoni spjegat li:- *“[…] s-socjeta attrici, tramite d-direttur taghha Chris Grech, matul il-kors tal-kummerc bejn il-partijiet, kienet harget garanzija bankarja sabiex taghmel tajjeb ghal dan l-avvanz.”*.
iv. Grech personalment m’huwiex parti fil-kawza. L-attrici hi kumpannija u m’hemm l-ebda prova li tat xi garanzija u hallset ghad-dejn ta’ Medlink. Anzi Grech stess ikkonferma li din kient kumpannija ‘gdida’ u ghalhekk *“[…] kemm il-bank u kemm il-kumpanniji ma riedux jaccettaw il-G.A. Trading bhala guarantor.”* (fol. 102)

F’kull kaz hu evidenti li dan ‘l hekk imsejjah avvanz mhu xejn ghajr minn parti mid-dhul generat min-negozju ta’ bejgh ta’ prodotti fir-Russja u mir-Russja li hu meritu ta’ din il-kawza. Materja li ser tigi trattat hawn taht.

**Sehem mill-qliegh tan-negozju**.

Wara li l-qorti rat l-atti, tosserva:-

1. Il-qorti hi moralment konvinta li kien hemm ftehim bejn iz-zewg kumpanniji. Ftehim li inizjalment kien jirrigwarda xiri ta' ikel, xorb u hwejjeg minn Malta sabiex jinbiegh fir-Russja. In-negozju kien ta' Medlink b'dan li GA Trading kienet qeghda tiehu hsieb l-ordnijiet.

2. Il-htiega li jkun hemm involuti l-Maltin kien minhabba li Chris Grech kellu l-kuntatti f'Malta filwaqt li Onoprienko u Plotnikov, ta' nazzjonalita' Russa, ma kienux maghrufin fis-suq lokali. GA Trading kienet il-mezz biex jinxtraw prodotti mis-suq lokali fuq *credit terms*.

3. Mid-dokumenti a fol. 233–251 hu evidenti l-involviment ta' Chris Grech fir-rigward tal-ordnijiet li kienu jsiru Malta u l-bejgh li kien isir fl-esteru. Hekk per ezempju hemm:-

(a) invoices li nhargu minn Medlink ghall-bejgh barra minn Malta ta' prodotti ta' ikel, xorb u hwejjeg. Dawn huma ffirmati minn Chris Grech ghan-nom ta' Medlink.
(b) ordni li saret lil Gaetano Abela minn Medlink ghax-xiri ta' oggetti tal-ikel (fol. 232). Il-konferma tal-ordni hi ffirmata minn Chris Grech ghan-nom ta' Medlink.
(c) Fir-rigward tal-ordni li saret ghax-xiri ta' hwejjeg minghand Farrugia Textiles, il-kont inhareg lil GA Trading (fol. 244-245).

4. Tant GA Trading kellha nteress dirett fin-negozju li kienet qeghda taghmel Medlink, li per ezempju fl-ordni li saret ma' Gaetano Abela jinghad:-

*"Payment is hereby being guaranteed by GA Int'l Trading Ltd"* (fol. 232).

5. Xehedu Vincent Farrugia (fol. 293), Gaetano Abela (fol. 308), Lawrence Borg (fol. 320), u Norman Aquilina (fol. 335) li kkonfermaw li bieghu merkanzija sabiex tintbaghat ir-Russja. Kollha spjegaw kif kien involut Grech u hu evidenti li n-negozju ma kienx isehh, bl-ghoti ta' *credit terms*, kieku ma kienx hemm il-Maltin involuti. Sahansitra Vincent Farrugia (kien jahdem ma' wahda mill-kumpanniji li minghandha nxtrat merkanzija) xehed li meta kien staqsa lil Grech kellux jahseb ghall-*commission* fuq il-bejgh, it-twegiba kienet fin-negattiv (fol. 296). Dan fih innifsu hu indizju li dak li kien qieghed jaghmel Grech kien proprju minhabba l-ftehim ta' shubija bejn iz-zewg kumpanniji.

6. Boris Onoprienko xehed li kull ma ghamel Chris Grech kien li ntroducihom ma' suppliers f'Malta; *"So, and after that, we were dealing directly with the suppliers, we had an agreement with them….."* (fol. 345). Verzjoni kontradetta mix-xhieda fuq imsemmija. Hu evidenti li Medlink inghatat *credit terms* ghaliex kien hemm il-Maltin involuti. Mid-dokumenti a fol. 229 u 232 jirrizulta kif f'Malta Medlink kienet qeghda tinghata perjodu ta' 60 jum sabiex thallas ghall-merkanzija.

7. Boris Onoprienko qal li qatt ma kien hemm relazzjoni bejn iz-zewg kumpanniji. Verzjoni li hi ghal kollox kontradetta mid-dokument B03 a fol. 431, iffirmat minnu u fejn talab hlas ta' US$7,567 minghand GA Trading.

8. Boris Onoprienko pprezenta rendikont ta' flus li gew depozitati fil-kont bankarju ta' Medlink u li jsostni li huma flus personali tieghu u ta' Plotnikov (Dok. B010 a fol. 459). Il-qorti tosserva kif per ezempju id-depozitu li sar fid-29 ta' Novembru 1993 fl-ammont ta' US$107,243.27 gie minn Menatep Limited Gibraltar u jidher li kien jirreferi ghall-merkanzija li nxtrat minghand Law Quintano & Co Ltd u

Gaetano Abela fil-bidu ta’ Novembru 1993. L-istess konvenut xehed ukoll li fir-Russja, hu u Plotnikov, kellhom kumpannija tal-aluminju li jisimha MIG li kienet tinnegozja fl-aluminju u li l-qliegh kien jintbaghat minnhom fil-kont ta’ Medlink (fol. 348). Pero’ mill-kontijiet li kienet qeghda tohrog Medlink b’riferenza ghall-bejgh tal-merkanzija fir-Russja tal-merkanzija li kienet qeghda tinxtara f’Malta, hu evidenti li MIG kienet qeghda tixtri l-merkanzija (fol. 230 u 232).

9. Boris Onoprienko xehed li ma kien hemm ebda ftehim bejn il-kontendenti, u li kif Grech kien ghenhom f’Malta huma kienu ghenu lil GA Trading fir-Russja. Zied ighid li ma kienet dovuta l-ebda kummissjoni lil Grech. Pero’ meta xehed fis-seduta tat-8 ta’ Lulju 2004 qal li Grech kien thallas commission ta’ US$21,000; *“It was a sort of premium for the help [we] used to receive here in Malta. So he used to go with us, lika a premium, you know”*, *“He used to go with us to the manufacture(r), to suppliers, to the bank, so you know, he helped us.”* (fol. 425). Verzjonijiet li jikkontradicu lil xulxin.

10. Onoprienko ghamel enfazi li dak li sehh kien bazat biss fuq hbiberija bejnhom u Chris Grech u Adrian Vella. Il-qorti tikkonkludi li l-provi juru mod iehor. Hekk per ezempju:-

(a) fil-*letterheads* ta’ Medlink jissemma li l-agenti taghha f’Malta kienet GA Trading Limited.
(b) jirrizulta li l-firmatarji ta’ Medlink mal-Bank of Valletta International Limited kienu Chris Grech u Dr Patrick Spiteri flimkien. F’dan il-kuntest issir riferenza ghad-dokument BO8 a fol. 450, datat 27 ta’ Ottubru 1995, li bih il-konvenuti nfurmaw lill-bank li Grech u Spiteri ma kienux ghadhom mandatarji tal-kumpannija.

Il-qorti m’ghandix dubju li kien hemm ftehim bejn iz-zewg kumpanniji fis-sens li l-attrici tiehu sehem fil-qliegh li taghmel Medlink. Tant dan huwa minnu li Chris Grech kien personalment iggarantixxa l-overdraft li Medlink

kellha ma' Bank of Valletta International Limited[3]. Jidher li l-facilita' kienet inghatat fis-7 ta' Mejju 1994, fis-somma ta' US$192,179[4]. L-ghoti ta' garanzija kien ifisser li Grech jorbot gid tieghu ghall-facilita bankarja li nghatat Medlink. Ir-raguni tghidlek li dan il-pass sar ghaliex kien hemm negozju ghaddej. Ghalkemm il-konvenut qal li huma wkoll ghamlu tajjeb ghal GA Trading gewwa Russja, ma tressqitx prova dokumentarja. Il-qorti lanqas ma temmen li Grech thallas is-somma ta' US$21,000 talli ta garanzija, gialadarba dak il-hlas sar fid-29 ta' Ottubru 1994.

11. Hu evidenti wkoll l-involviment ta' Grech fir-rigward ta' xiri ta' merkanzija (suf u gilda) minn gewwa r-Russja sabiex tinbiegh fl-Ewropa. F'dan ir-rigward issir riferenza ghall-ittra datata 6 ta' Gunju 1994 li ntbaghatet minn Chris Grech fuq letterhead ta' Medlink lid-ditta Mirax-Optim (fol. 253) fejn jinghad:-

*"Following receipt of the results for the delivery of the first shipment of unwashed wool, we have been informed that said wool is of inferior quality with a maximum of 43% yield.*

*We therefore propose theat price of wool is reduced from agreed price of USD 1.8 per kilo to US 1.5 per kilo."*.

Jirrizulta li fil-25 ta' Frar 1994 GA Trading kienet iffirmat kuntratt biex tbiegh *washed amerinos wool* lil Etablissements Claude Bonnet SARL. Jirrizulta li Grech kien mar Franza u l-ispejjez thallsu minn Medlink. Fil-fatt GA Trading kienet harget kont, datat 15 ta' Frar 1994, fl-ammont ta' US$6,768.79 ghall-ispejjez ta' vjaggar. Hlas li sar fil-15 ta' Frar 1994, kif jirrizulta mid-dokument tal-Bank of Valletta International Limited. Prova li tkompli ssahhah

---

[3] Ara deposizzjoni ta' Anthony Ellul, ufficjal tal-bank, fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2000 (fol. 290).
[4] Ara rendikont tal-bank mit-30 ta' Gunju 1994 sat-30 ta' Settembru 1998 (fol. 214).

il-verzjoni li taw Grech u Vella. Fil-fatt mid-dokumenti jirrizulta wkoll kif id-dhul minn dan in-negozju kien qieghed jidhol fil-kont ta' Medlink.

12. Medlink kellha kontijiet mal-Bank of Valletta. Jirrizulta li minn wiehed mill-kontijiet thallsu flus fi tlett okkazzjonijiet lil GA Trading:

- **10 ta' Novembru 1994 US$8,500.82;**
- **22 ta' Dicembru 1994 US$17,500.81;**
- **14 ta' Frar 1995 US$12,000**[5].

Tista' tghid li ammont identiku thallas lill-konvenuti Plotnikov u Onoprienko b'dan il-mod:

- **10 ta' Novembru 1995 US$8,502.78;**
- **22 ta' Dicembru 1994 US$17,502.81;**
- **15 ta' Frar 1994 US$12,000.84.**

Dan fih innifsu hu ndizju li kuntrarjament ghal dak li xehed Onorprienko, kien jezisti ftehim bejn GA Trading u Medlink. Ghalkemm il-konvenuti jallegaw li dawn il-flus kienu ttiehdu minn Grech u Vella minghajr ebda jedd mill-kontijiet ta' Medlink, ma jirrizultax li qatt hadu xi passi kontra Grech u Vella sabiex jirkupraw dawn il-flus. Dan apparti li bhala diretturi ta' Medlink kellhom access ghall-kont bankarju minn fejn qeghdin jinhargu l-flus u m'hemmx provi li juru li Onoprienko u Plotnikov ma kienux jafu x'qieghed jigri mill-flus fil-kont li Medlink kellha ma' BOVI (numru 119-2114101-1). Inoltre, fil-fehma tal-qorti 'l fatt li ftit granet qabel l-ahhar pagament sar konvenju ma' Highrise Company Limited (fol. 461), ma jfissirx li s-somma ta' US$12,000 tirreferi ghal dak in-negozju[6]. Dan meqjus li:-

---

[5] Jirrizulta li l-kont bankarju fejn kienu qeghdin jigu depozitati l-flus kien f'dollari Amerikani.

[6] Ara nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti fejn sar dan l-argument.

- hadd mill-konvenuti ma kien firmatarju ghal dak il-konvenju;
- fil-konvenju ma jissemmix li thallas depozitu;
- Il-hlas ta’ US$12,000 sar lil GA Trading, li ma kenitx parti fil-konvenju. Hekk jirrizulta mid-dokument tal-BOVI datat 14 ta’ Frar 1994[7].

Il-qorti tikkonkludi li minn dawn il-provi u konsiderazzjonijiet, il-verzjoni tal-attrici hi l-iktar kredibbli. Wara li rat ir-rapport qeghda taqbel mal-konkluzjonijiet fejn jinghad:-

*“i. Illi mill-pagamenti illi saru fl-istess dati, jew f’dati qrib hafna ghal xulxin, jidher li kienet qed tithaddem bejn il-partijiet sistem ta’ qsim ta’ profitti tal-Medlink fuq bazi 50/50 bejn GA u BO/VP.*
*ii. Illi fuq bazi ta’ probabilita’, mid-dokumentazzjoni analizzata jidher illi x’aktarx il-flus li gew iddepozitati fil-kontijiet tal-Medlink kienu provenjenti mill-bejgh generat mill-attivita’ kummercjali ta’ l-istess socjeta konvenuta.*
*iii. Illi mill-analizi jidher (a bazi tal-konkluzjoni ii), illi s-socjeta konvenuta ghamlet profitt ta’ US$352,587 (Dokument F). Jekk it-tezi attrici li l-qliegh kellu jinqasam nofs bin-nofs hija vera, il GA hija ntitolata ghal US$176,293 li minnhom hadet US$42,299 (Dok. D) u* ***allura baqghalha tiehu US$133,994****. L-esponenti jirrilevaw ukoll li l-Medlink ghamlet diversi hlasijiet (ammontati globalment ghal US$217,712) u rceviet prepayment (US$164,985) li pero’ l-esponenti m’humiex qed jiehdu in konsiderazzjoni meta qed jikkalkolaw il-qliegh, u dan ghaliex l-ammont in kwistjoni mhumiex sufficjentement dokumentati.”* (enfazi tal-qorti).

Minn paragrafu 14 u 15 tan-nota ta’ sottomissjonijiet hu evidenti li l-attrici taqbel mal-konkluzjonijiet tal-periti gudizzjarji. Il-konvenuti argumentaw li r-rapport gie bbazat biss fuq id-dokumenti li pprezentat l-attrici. F’dan ir-rigward il-qorti tosserva li:-

[7] Ara dokumenti prezentati b’nota fit-18 ta’ Mejju 1998 (numru 133).

i. mir-rapport u dokumenti annessi hu evidenti li l-perit komputista ghamel analizi dettaljata tad-dokumenti kollha li gew prezentati.

ii. certament li l-perit komputista kellu jirrelata a bazi tal-provi li tressqu. Il-konkluzjonijiet ghal dak li jikkoncerna bejgh u qliegh hu bazat fuq dokumenti li saru fiz-zmien li kien ghaddej in-negozju.

iii. il-qorti kellha zewg verzjonijiet li huma opposti ghal xulxin. Gialadarba l-verzjoni li taw il-konvenuti ma twemmnitx m'hemm l-ebda raguni ghalfejn dak li qalu Grech u Vella m'ghandux jitwemmen, meqjusa wkoll il-konsiderazzjonijiet li saru mill-qorti. Sa mill-bidunett tal-proceduri l-konvenuti pprovew ipingu xenarju li ma kienet tezisti relazzjoni guridika ma' GA Trading, meta l-provi juri mod iehor.

**<u>Relazzjoni guridika bejn l-attrici u l-konjugi Onoprienko u Plotnikov</u>**.

Jibda biex jinghad li fir-rigward tal-konvenuti Natalia Onoprienko u Svetlana Plotnikova, ma jissemmew imkien fil-provi. F'kull kaz m'hemmx provi li dawn kienu residenti Malta u li ma zwieghom kellhom il-komunjoni tal-akkwisti. Ghalhekk ser jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Fic-citazzjoni l-attrici ppremettiet li:-

*"Premess illi l-konvenuti agixxew frawdolentement ghaliex mill-flus rcevew bhala rizultat tan-negozji in kwistjoni huma ma hallsu xejn lill-esponenti u inoltre qeghdin jirrifjutaw li jonoraw l-obbligazzjonijiet minnhom assunti.*

*Premess illi l-konvenuti agixxew frawdolentement u in mala fede. Dawn huma evidenzjati mill-weghdiet illi ghamlu l-konvenuti li ma onorawhomx meta kienu f'posizzjoni li jonorawhom, kif ukoll mill-fatt illi rcevew flus u uzawhom ghal skopijiet personali taghhom."*.

Mid-deposizzjoni ta' Chris Grech hu evidenti li n-negozju sar bejn GA Trading u Medlink. In kontro-ezami qal:-

*“Dr Christian Farrugia: Sur Grech, inti qed tghid illi l-partnership huwa bejn G.A. International u Medlink ?
Xhud: Correct.”*.

L-istess qal Adrian Vella.

Grech qal ukoll li ma kienux jafu li Onoprienko u Platnikov kienu qeghdin jaghmlu uzu mill-flus ta’ Medlink ghall-bzonnijiet personali taghhom; *“Pero’ meta ffirmajt jien biex intihomlhom dawn il-flus ma kontx naf li kienu flusna; dejjem konna qed nimxu fuq l-informazzjoni taghhom li kienu flushom.”* (fol. 100). Hekk ukoll Adrian Vella xehed: *“[…] kif jidhlu l-flus go l-account kien hemm flus li dahlu fl-account illi huma kienu jghidulna li huma flus taghhom personali; allura meta dahlu flus li kien hemm profitti involuti.”* (fol. 19). Irrizulta li parti mill-flus li kien hemm fil-kont ta’ Medlink intuzaw sabiex Onoprienko u Plotnikov xtraw proprjeta f’Malta. Jirrizulta li din inxtrat minghand Highrise Company Limited, kumpannija li fiha Chris Grech hu direttur. Fil-fatt kien hu li deher u ffirma l-kuntratt pubblikat fis-16 ta’ Frar 1994 li bih Boris Onoprienko xtara minghand Highrise Company Limited l-appartament numru 4, Blokk 9, Highrise Apartments, Triq l-Imradd, Ta’ Xbiex u l-kuntratt tal-21 ta’ Lulju 1994 li bih Vladimir Plotnikov xtara minghand l-istess kumpannija l-appartament numru 8, fl-istess blokk bini. Mir-rapport gudizzjarju jirrizulta li mill-flus depozitati fil-kont ta’ Medlink, is-somma ta’ US$353,999.42 inhargu fl-interess personali ta’ Onoprienko u Platnikov. F’din ic-cifra hemm inkluz US$38,006.43 li, tista’ tghid, thallset ukoll lil GA Trading f’ammont ekwivalenti fid-dati fuq imsemmija. Hu evidenti li Grech kien jaf li qeghdin jintuzaw flus li hemm fil-kont ta’ Medlink ghall-interessi personali ta’ Onoprienko u Plotnikov. Fejn il-qorti ssib li dawn iz-zewg konvenuti naqsu milli jagixxu *in buona fede* kien li qalu lil Grech u Vella li fil-kont kienu qeghdin jigu depozitati flus personali taghhom. Dan wassal ghal sitwazzjoni fejn jidher li Grech qaghad fuq il-kelma tal-konvenuti u kien hu stess li qieghed jiffirma dokumenti mal-Bank of Valletta International Limited sabiex jinhargu flus mill-kont ta’ Medlink mill-konvenuti personalment. Kuntrarjament ghal dak li xehed Onoprienko d-depoziti li saru fil-kont ta’

Medlink jidher li kienu relatati man-negozju ta’ Medlink ghal dak li jirrigwarda ma’ xiri u bejgh ta’ oggetti tal-ikel u xorb, suf u gilda. Jidher ghalhekk li Onoprienko u Platnikov ghamlu uzu minn flus li kien qieghed jigi ggenerat min-negozju u taw lil Grech u Vella x’jifhmu li dawk kienu flus personali taghhom li ma kellhom x’jaqsmu xejn man-negozju ta’ Medlink, presumibilment sabiex iserhulhom rashom li l-qliegh min-negozju ta’ Medlink ma kienx qieghed jintmiss. Ghall-qorti dan m’huwiex atteggjament ta’ nies li huma in *buona fede*. Bhala diretturi tal-kumpannija Medlink kellhom id-dmir li jizguraw li l-ftehim bejn iz-zewg kumpanniji jitwettaq *in buona fede*, u mhux huma stess jaghmlu affarijiet li bihom hadu beneficcju personali a skapitu tal-attrici. Sfortunatament mill-provi rrizulta kif gie zmien fejn il-konvenuti qattghu hesrem in-negozju ta’ Medlink. Imbahad fil-5 ta’ Settembru 1995 Plotnikov gibed personalment[8] is-somma ta’ US$11,220 mill-kont tal-Medlink u fis-27 ta’ Ottubru 1995 nehhew lil Grech minn firmatarju tal-kont li kellha Medlink. Il-kont li kellha Medlink fejn kien jigu depozitati l-flus min-negozji li kienet taghmel, spicca vojt. Il-konkluzjoni tal-qorti hi li Onoprienko u Plotnikov ghandhom iwiegbu wkoll personalment ghal dak li hu dovut mill-konvenuta lill-attrici bhala sehemha mill-qliegh.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija:-**

**1. Tillibera mill-osservanza tal-gudizzju lill-konvenuti Natalia Onoprienko u Svetlana Plotnikova gialadarba ma rrizultax li ghandhom relazzjoni guridika mal-attrici.**

**2. Tichad l-ewwel u tielet talbiet.**

**3. Tiddikjara li l-konvenuti huma obbligati li jhallsu lill-attrici s-sehem mill-qliegh tan-negozju li sar kif spjegat hawn fuq.**

**4. Tillikwida l-qliegh dovut lill-attrici fl-ammont ta’ mija tlieta u tletin elf disa’ mija u erba’ u disghajn**

---

[8] Dan jirrizulta minn dokument tal-BOVI, prezentat bin-nota tat-18 ta’ Mejju 1998, u ffirmat minn Plotnikov stess. Konkluzjoni li l-qorti waslet ghaliha meta pparagunat il-firma fuq id-dokument mal-firma ta’ Plotnikov fuq id-dokument BO8 datat 27 ta’ Ottubru 1994 (fol. 450).

**dollaru Amerikan (US$133,994) li konvertiti f'ewro hi fl-ammont ta' tmienja u disghajn elf mija u tmienja u ghoxrin ewro u hamsin centezmu (€98,128.50)[9].**

**5. Tikkundanna:-**

**(a) Lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas lill-attrici s-somma ta' mija tlieta u tletin elf disa' mija u erba' u disghajn dollaru Amerikan (US$133,994) li konvertiti f'ewro hi fl-ammont ta' tmienja u disghajn elf mija u tmienja u ghoxrin ewro u hamsin centezmu (€98,128.50);**

**(b) Lill-konvenuti Boris Onoprienko u Valdimir Plotnikov sabiex ihallsu lill-attrici, solidalment bejniethom, is-somma ta' mija tlieta u tletin elf disa' mija u erba' u disghajn dollaru Amerikan (US$133,994) li konvertiti f'ewro hi fl-ammont ta' tmienja u disghajn elf mija u tmienja u ghoxrin ewro u hamsin centezmu (€98,128.50).**

**B'dan li taghmilha cara li s-somma ta' €98,128.50 likwidata permezz ta' din is-sentenza hi dovuta ghal darba wahda biss, fis-sens li jekk il-hlas isir mill-kumpannija konvenuta l-attrici ma tistax tippretendi xi hlas iehor minghand il-konvenuti l-ohra. L-istess jekk il-hlas isir minn Onoprienko u/jew Plotnikov. Ghaldaqstant l-attrici ghandha dritt biss li tircievi €98,128.50 irrispettivament minghand min tircievi l-hlas.**

**Spejjez jinqasmu in kwantu ghal 60% a karigu tal-konvenuti u 40% a karigu tal-attrici gialadarba harrket tnejn min-nies li ma kienux legittimi kontradditturi u l-ewwel u tielet talba gew michuda, b'dan l-ispejjez tal-perizja huma a karigu tal-konvenuti. L-imghax jiddekorri mid-data li gie kkonfermat bil-gurament ir-rapport gialadarba li s-somma dovuta tohrog mir-rapport wara l-ezercizzju li ghamel il-perit komputista.**

---

[9] Rata tas-6 ta' Frar 2014 (€1 = US$1.35172).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------